**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 43 – IT-TLIETA, 27 TA' MEJJU 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużat: | Joe Micallef | Membru |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 42 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

1.3. B'riferenza għad-deċiżjoni tal-Kumitat biex issir attività tas-sajf il-Kumitat unanimament qabel li, fid-dawl li qiegħed għaddej ix-xogħol estensiv fuq Triq il-Kosta attività fuq dik ix-xaqliba, li jkun ifisser periklu kbir għal min jipparteċipa, l-attività m'għandiex issir sakemm ikun għaddej ix-xogħol. Intqal ukoll li fuq il-bajja qed ikun hemm wisq ħmieġ tal-klieb.

1.4. F'dan il-ħin qamet diskussjoni dwar din il-problema tal-ħmieġ tal-klieb u l-bżonn ta' aktar kontroll. Is-SE spjega d-diffikultà biex wieħed jikkontrolla filwaqt li s-Sinj. Vella semmiet persuna li kien ripetutament jinjora l-liġijiet. Hija infatti għaddiet id-dettalji bil-ħsieb li jkun imwissi mill-Kunsill.

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Iċ-*Chairperson* semmiet il-laqgħa li kellu l-Kunsill mal-Ministru Joe Mizzi fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni ta' Trejqet il-Kampanjol u Triq ir-Ramla speċjalment fid-dawl tax-xogħol fuq Triq il-Kosta. Il-Ministru Mizzi esprima x-xewqa li jgħin iżda ma seta' jwiegħed xejn f'dan l-istadju.

2.2. F'dan il-ħin il-membri tal-Kumitat ferħu liċ-Chairperson li kienet eletta Kunsillier.

2.3. Is-Sinj. Cuomo sostniet li differenti minn kif jaħsibha s-sid Las Palmas, il-MEPA huma responsabbli fl-għoti ta' permessi għal-art ta' madwar il-ħanut tiegħu mhux il-Kunsill Lokali. Dan wara li allega li l-Kunsill żamm xi permessi. Huwa kkonferma magħha li għamel xogħlijiet bla permess u r-raġuni li ta kienet li x-xogħol sar meta huwa kien imsiefer u għalhekk ma kienx jaf bih. Is-SE informa li kienu talbu għal informazzjoni mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet u għadu qed jistenna l-informazzjoni.

2.4. Relatat mal-każ is-Sinj. Muscat infurmat li l-laqgħa proposta mal-Onorevoli Dott. Michael Falzon kellha tiġi posposta għas-27 ta' Ġunju 2014 fit-3pm. Hija żiedet

tgħid li sid Las Palmas m'għandux dritt li jaqbad u jagħmel xogħol mingħajr permessi għalkemm stqarret li jidhrilha li x-xogħol li qed isir mhux goff u jsebbaħ.

2.5. Is-SE informa li kienet ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħol tal-bankina fi Triq it-Tunnara. Din tagħlaq fis-16 ta' Ġunju 2014.

2.6. Iċ-*Chairperson* flimkien mas-Sinj. Muscat kellhom laqgħat mal-Periti ta' Transport Malta fi Triq il-Kosta, fejn iddiskutew il-passaġġi li saru b'mod temporanju fl-istess triq, sakemm jiġi ffinalizzat il-proġett. Dan sabiex jiġi assigurat li jkunu sikuri għal min ikollu bżonn jaqsam it-triq.

2.7. Il-Sinj. Cuomo kienet infurmata wkoll li bħala parti mill-proġett il-Kumitat Amministrattiv jagħżel li jew jingħata €100,000 u jirranġa l-*Landscaping* tad-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq hu jew inkella jsir minn TM. Kien hemm qbil li dan għandu jsir minn TM.

2.8. Is-Sinj. Cuomo staqsiet fuq il-UIF funds u jekk Baħar iċ-Ċagħaq għandux jingħata fondi minnhom. Is-SE wiegħed li se jindaga ma' MEPA.

## 3. ATTIVTÀ ARTS IN THE PARK

3.1. Is-Sinj. Cuomo fakkret li kienet talbet biex kulħadd jiġi bl-idea tiegħu/tagħha.

3.2. Hi pproponiet li, apparti l-wirjiet ta' arti u stalls ta' ikel, bħala *entertainment* jqabbad lil BELONG Group sabiex iferraħ lill-pubbliku preżenti.

3.3. Is-SE fakkar li l-ammont li l-Kumitat għandu allokat mill-Gvern Ċentrali hu ta' €1,800.

3.4. Is-Sur Bonello wera x-xewqa tiegħu li għal din l-attività jinġieb xi ħadd sabiex iqajjem kuxjenza lis-sidien tal-klieb sabiex jieħdu ħsieb jiġbru l-ħmieġ minn wara l-klieb tagħhom.

3.5. Iċ-*Chairperson* ipproponiet li din id-diskussjoni tkun aġġornata biex tkun deċiża mill-Kumitat Amministrattiv il-ġdid li jibda jiffunzjona mill-1 ta' Ġunju.

## 4. NEWSLETTER

4.1. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet li minflok in-*newsletter* jitqassam flyer sabiex proprju jqajjem kuxjenza lir-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq, sabiex jiġbru l-ħmieġ minn wara l-klieb tagħhom. Kien hemm qbil ukoll li dan ikun addattament ta' poster tal-Belt ta' Belgrad li juri persuna minn wara qed jiġbor il-ħmieġ tal-kelb.

4.2. Kien hemm qbil unanimu għal din il-proposta.

4.3. Is-Sur Bonello ppropona li l-Kumitat għandu jibgħat xi Green Wardens f'ħinijiet speċifiċi f'Baħar iċ-Ċagħaq. Hu qal li l-aħjar ħinijiet huma bejn is-7:00am u d-9:00am u bejn il-5:00pm u s-7:30pm. Bħala post issemmew Triq Anton Manwel Caruana, Triq Qalet Marku u Triq Xatt il-Palm.

## 5. ILMENTI

5.1. Is-Sinj. Muscat semmiet il-qagħda ħażina tal-bankina fi Triq Xatt il-Palm.

5.2. Is-Sur Bonello semma l-*water leak* fi Trejet il-Kampanjol. Is-Sinj. Cuomo qalet li dan kien diġa ġie rrappurtat mill-Kunsill lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.

5.3. Min-naħa tagħha s-Sinj. Cuomo qalet li d-dawl fi Triq il-Lampara ma kienx qiegħed jixgħel fil-ħin it-tajjeb.

5.4. Is-Sinj. Muscat għaddiet proposta għall-ftuħ ta' għassa ġdida f'Baħar iċ-Ċagħaq. Is-SE spjega d-diffikultà għal dan u kif hemm lokalitajiet ikbar li għandhom għassa u dejjem tkun magħluqa.

5.5. Is-Sinj. Muscat semmiet ukoll il-*bowser* li rat jagħmel xi xogħol fi Triq ir-Ridott. F'dan id-dawl is-Sinj. Cuomo qalet lill-Kunsill sabiex jerġa' jibgħat lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.

5.6. Is-Sinj. Muscat qalet li hemm bżonn tintbagħat ittra lis-sidien tar-residenza maġenb il-Knisja fi Triq ix-Xambekk sabiex jiżbru s-siġra u jagħmlu xiħaġa għax għandha zokk oħxon u maqsum, b'konsegwenza li jista' jaqa' minn ħin għal ieħor. Każ simili huwa wkoll ta' dik id-dar abbandunata li hemm fil-kantuniera ta' Triq ir-Ridott ma' Triq Xatt il-Palm.

5.7. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat il-ħaddiema jagħmlu katnazz lill-bieb tal-mini pitch fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli.

5.8. Is-Sur Bonello reġa rrimarka l-ktajjen tal-bandli.

5.9. Is-SE qal li se ssir Works Order lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu spezzjoni l-bandli kollha tal-Ġnien u jagħtu spjegazzjoni tal-ħsara li għandhom kif ukoll ta' x'manutenzjoni hemm bżonn li ssir. Dan japplika wkoll fil-każ tal-bankini kollha.

### 6. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

6.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju, 2014 għas-6:00pm speċifikament biex ikunu approvati biss dawn il-minuti minħabba li fl-1 ta' Ġunju jibda jiffunzjona Kumitat Amministrattiv ġdid.

6.2. Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm.

**Dawn il-minuti kienu approvati waqt laqgħa apposta li saret il-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2014 fil-preżenza tal-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.**

***(Iffirmati)***
Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

***(Iffirmati)***
Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**